# Mija, Ħamsa u Tletin Sena ilu twieldet l-ewwel Soċjeta' Mużikali f'Birkirkara: Banda Duke of Connaught's Own

## *1865 Punti mill-istorja... 2000*

F'nofs is-seklu XIX f'Malta beda jitrawwem moviment soċjo-kulturali ġdid -dak tal-baned filarmoniċi. Il-Karkariżi kienu mill-ewlenin li ħakmithom in-namra għal din il-kultura l-ġdida. Is-sur Karm Born beda jagħti l-ewwel lezzjonijiet u wara sentejn ġie appuntat is-Surmast Tumas Galea li beda jaħseb fl-allievi u bandisti bi skop li jifforma banda, u dan seħħ fl-1865 meta twaqqfet l-ewwel Banda Karkariża:-Filarmonika Sant' Elena. Fl-1872 is-Surmast Galea ikkompona l-ewwel Inno di gloria lil Sant'Elena, fejn indaqq l-ewwel darba quddiem il-gvernatur Straubenzee u udjenza Kbira. Fis-sena 1880 il-Banda kienet magħrufa bħala 'Societa Filarmonica di Birkirkara' L-ewwel president li jirriżulta mill-arkivji fis-sena 1883 kien il-Prokuratur legali s-Sur Costantino Fenech. Fl-1889 l-isem tal-Banda sar 'Alleanza'. Fi żmien meta saħħet is-Surmast Galea iddgħajfet, l-entużjażmu tal-Banda effetwat. Xi bandisti telqu l-Banda Alleanza u ffurmaw Banda oħra li ssemmiet 'La Stella', li baqgħet teżisti sas-sena 1905. Mr. Galea baqa' direttur tal-banda Alleanza sa ma miet fil-11 ta' Ġunju 1893. Iż-żewġ Baned Alleanza u La Stella daqqew marċi funebri fil-funeral ta' Mro.. Tommaso Galea. Is-surmast temporanju ta' Mro.. Galea kien il-president Costantino Fenech sakemm sena wara laħaq surmast Anton Micallef. Fl-1897 il-president Fenech sejjaħ seduta li fiha l-isem tal-Filarmonica Alleanza sar mill-ġdid Sant'Elena filwaqt li l-Każin ħa l-isem 'Circolo Leone XIII'. Dik is-sena ġie elett president l-Onor Francesco Briffa.

Fl-1898 inħatar Surmast Raffaele Ricci. Dan ikkompona innu ġdid lil Sant' Elena fuq il-versi tal-Kan. Ġwanni Buġeja DD. L-innu iżżanżan fil-festa tal-1900 fejn għadu jindaqq sa llum meta jagħlaq mitt sena propju din is-sena. Fl-1965 Mro.. Carmelo Brincat għamel xi arranġamenti u postitura 'full score' biex kompla jsebbaħ dan l-innu maestruż. Fl-1902 ġie elett president Dr. Alfred Parnis LL.D. Inzerta li f'dik l-epoka l-Altezza Rjali tiegħu id-Duke ta' Connaught, il-Prinċep Arthur bin ir-reġina Victoria li kellu l-Kariga ta' Spettur Ġenerali tal-forzi Ngliżi fil-Mediterran kien ikun spiss Malta. F'dawk iż-żminijiet il-banda kienet qed tħejji sabiex tagħmel uniformi fejn sar qbil li dik tkun fuq stil militari. Kummissjoni mmexxija mill-president marret għand id-Duka sabiex tgħarrfu bil-propostu ta' l-uniformi ġdida. Id-Duka aċċetta l-proposta u anke ssuġġerixxa li jagħti ismu lill-Banda sabiex issir Banda Rjali. Dan ġie kkonfermat b'ittra miċ-'Chief Secretary's Office', datata 23 ta' Marzu 1903 u f'seduta tas-Soċjeta ġie deċiż li l-isem komplut ikun circolo Sant'Elena, Filarmonika Duke of Connaught's Own, isem li għadu jinżamm mill-Banda sal-lum. Wara d-Duke of Connaught stieden lill-banda sabiex tagħmel programm mużikali fil-ġnien privat ta' San Anton. Fl-1904 id-direzzjoni tal-Banda kienet f'idejn Mro.. G Tufigno waqt li fl-1905 ħadha Mro. Salvu Mallia fejn il-Banda ħadet sehem meta l-E.T. l-Isqof Pace kixef u bierek il-pittura tal-koppla. Fl-1907, il-banda ħadha f'idejh is-surmast Alfred P. Hare u fost il-ħafna attivitajiet li kellha taħt dan is-surmast, fl-1901 ħadet l-inizjattiva fil-festi esterni fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-V.V. Madonna tal-Herba, It-tiżjin fit-toroq u l-kummissjonijiet tal-baned li ħadu sehem

tmexxew mill-kumitat tal-banda. Fl-1911 ġie magħżul is-surmast Dandu Camilleri. Il-kariga tiegħu kompliet żiedet is-suċċessi mużikali. Fis-snin 1912-13 il-banda tmexxiet mis-surmast Frans Xuereb. L-aktar attivita' mportanti kien is-sehem li ħadet fil-Kungress Ewkaristiku internazzjoniali li sar f'Malta f'April ta' l-1913. Fost attivitajiet oħra l-banda laqgħet lill-Emin. Tiegħu l-Kardinal Franċiża Nava fejn akkumpanjatu mill-bidu ta' Fleur-de-Lys sal-Kolleġġjata bid-daqq tal-marċi. Waqt il-quddiesa solenni kardinalizja, it-trombi tal-banda daqqew salut ġenerali fis-Sanctus mit-twieqi tal-koppla tal-Knisja. Il-Kardinal Nava kien il-mistieden tas-Soċjeta`. Fis-sena 1914 bdiet l-ewwel gwerra dinjija u billi s-surmast Xuereb kien fil-milizja ma setax jaqdi dmiru mal-banda. Għalhekk ġie msejjaħ b'surmast tal-banda s-Sur Vin Costa. Fl-1917 nerġgħu nsibu l-banda taħt il-bakketta tas-Surmast Xuereb. Fl-1919 xi bandisti qajjmu nkwiet fil-Każin billi riedu jieħdu l-banda taħt idejhom u bagħtu ittra uffiċjali lill-kumitat biex fi żmien tmint ijiem jiġi kkonssenjat lilhom l-okkorrent kollu tal-banda u l-mobbli tal-Każin. Il-president Dott. Tommaso Fenech LL.D., għajjat seduta ġenerali li fiha ordnat il-bandisti kollha biex jieħdu sehem f'Kunċert ġenerali mużikali. F'din il-laqgħa s-surmast kellu 34 minn 45 bandist. Għalhekk il-Kumitat wieġeb għall-ittra uffiċjali hekk: is-segretarju, kaxxier, u 8 membri tal-kumitat, surmast, 34 bandist u 84 soċju sussidjarju, jikkonsidra l-ittra hija bla sustanza u bla valur, u għalhekk kemm il-mobilja u kemm l-oġġetti tal-banda jibqgħu propjeta' tal-Każin.

Nhar is-Sibt 8 ta' Diċembru 1923, saret festa f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni li hemm statwa tagħha f'niċċa fil-kantuniera ta' bejn Triq Santu Rokku u Triq l-Imsida. Għal din l-okkażjoni l-banda ġiet mistiedna biex tagħmel programm. Il-banda għamlet programm mużikali ġo Villa Bellini li kien milqugħ b'applawż speċjalment is-Selection Norma, sa kellha tirrepeti ruħha. Il-laqgħa ntemmet b'repò, diskors eloġiku u għotja ta' tazza tal-fidda.

Fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina nhar id-29 ta' Mejju, 1927 il-banda kienet benefattriċi billi għamlet programm tal-festa bla ħlas. Għall-festi ċentinarji f'ġieħ Sant' Elena li kienu saru fl-1928, il-banda tat qliegħ ta' żewġ tombli, daqqet bla ħlas f'żewġ fieri u għamlet l-armar artistiku tal-pjazza u Triq Irjali. Fil-ftuħ tal-festi ċentinarji, 26 t'Awissu 1928, il-każin u l-banda kellhom attivitajiet kbar. Dakinhar kien mistieden Mons. Isqof Dom Mauro Caruana u wara assista fil-ftuħ tal-festi ġewwa l-kolleġjata il-Kumitat stiednu biex ibierek standard u jirrappreżenta l-arma tal-banda. Din iċ-ċerimonja saret fuq il-presbiterju tal-knisja b'dehra tassew imponenti. L-assistent Segretarju, is-Sur Pawl Attard żamm l-istandard filwaqt li kien imdawwar mill-Kumitat u l-bandisti lebsin gala bl-uniformi.

Fis-17 ta' Settembru 1930, il-banda marret ġita f'Noto għall-festa ta' San Corrado u ħadet magħha nies minn Malta kollha tant li d-dwana waqqfet il-bejgħ tal-biljetti minħabba li l-vapur kien full-up.F'Noto, il-banda għamlet marċ filgħodu b'pass mgħaġġel stil militari peress li quddiem il-banda mexa il-kumitat t'hemmhekk. Quddiem il-Muniċipju, il-banda ntonat l-innu Taljan filwaqt li filgħaxija kellha laqgħa mal-Isqof tal-post. Fis-7.00 p.m. reġgħet għamlet marċ u programm fi Pjazza Trigona li dam tliet sigħat. L-għada il-banda poġġiet kuruna fuq it-taraġ tal-monument tal-gwerra u filgħaxija esegwiet programm mużikali f'Villa Umberto.

Fis-17 ta' Jannar 1932, il-banda akkumpanjat il-qanpiena l-ġdida l-kbira, li saret f'Milan mid-ditta Fratelli Barigozzi, bid-daqq ta' marċi minn Fleur de Lys sa fuq iz-zuntier tal-Kolleġġjata.

Fl-1935, inħatar Prepostu Karkariż wara 12-il sena, il-W.R. Kan. Giuseppe Sammut meta ħa l-pussess nhar l-14 t'April. Iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjawh mid-dar tiegħu minn Main Street sal-Parroċċa. Il-ferħ ta' din l-okkażjoni inbidel f'niket għax wara l-programm is-Surmast Xuereb ħassu ħażin sewwa u miet jumejn wara. Kien ilu 21 sena direttur tal-banda. Kif inhu xieraq il-banda onorat lis-Surmast Francesco Xuereb b'funeral mill-isbaħ, filwaqt li s-suċċessur tiegħu kien is-Sur Pio Ciappara li ddebutta bħala surmast ġewwa Ħal Balzan fil-festa tal-Lunzjata.



◀ *Il-Banda taħt is-Surmast Raffaele Ricci • 1898*

*1934: il-Banda bil-Kostum fil-karnival* ▶





◀ *1946: Id-Debutt tal-Kap. Aquilina mal-Banda. L-ewwel kariġa ċivili tiegħu għall- programm fit-tejatru tal-Kulleġġ San Alwigi fis-6 ta' Jannar 1946.*



*1952: Il-Banda takkumpanja l-istatwa ta' Santa Liena waqt il-purċissjoni tradizzjonali li ssir filgħodu.*

Jum memorabbli għas-Soċjeta kien il-Ħadd, 12 ta' Diċembru 1937, meta ħalliet il-lokal Nru. 2 Pjazza Sant' Elena u niżlet b'daqq ta' marċi għad-dar il-ġdida fit-Triq tal-Wied. Immedjatament wara ngħata rkaptu biex isir l-arkivju tal-mużika. L-imgħallem ta' din l-għamara artistika kien Pietru Muscat li ħadimha mill-kewba u ġewż u ornat bil-bronż. Il-kotba nħadmu mis-Sur G. Sciberras u s-Sur E. Zammit, ex-bandisti.

It-Tnejn 10 ta' Jannar 1938 kienet ġurnata ta' niket għas-soċjeta bil-mewt ta' benefattur u kważi promotur tal-banda -is-sur Kostantino Fenech P.L. Il-banda tat tislima solenni lis-sur Zanz b'Korteo funebri li għalih attendiet rappreżentanza minn Malta kollha. Fil-perjodu tal-biża' waqt il-gwerra, il-każini ttrasforma ruħu minn lok kulturali f'refuġju ta' 136 ruħ evakwati minn djarhom tal-Kottonera, b'ispazju żgħir imħolli għall-attivita' tas-soċjeta'.

Okkażjoni kbira għall-banda seħħet nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru meta l-istatwa u l-kwadru nkurunat ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla rritornaw f'darhom f'pellegrinaġġ storiku. F'dan il-pellegrinaġġ daqqew iż-żewġ baned, bil-banda tagħna ddoqq quddiem il-kwadru li mexa l-aħħar. Kif il-kwadru tfaċċa fil-bieb il-kbir tal-Knisja ta' Sant' Elena, il-Banda Duke of Connaught daqqet fanfarra quddiemu.

Wara li rtira s-Surmast Pio Ciappara ġiet imsejħa seduta ġenerali fl-1 t'Ottubru 1945 u ntgħażel b'surmast tal-banda il-kaptan Anthony Aquilina. Ma tantx għadda żmien li s-surmast Aquilina esegwixxa programm ġot-teatru San Alwiġi taħt il-presidenza ta' l-Eċċellenza tiegħu Mons. M. L. Gonzi Arċisqof. Dan sar fis-6 ta' Jannar 1946. Ġo Birkirkara għamel xi żmien ma jsirux festi, għalhekk il-banda kienet tkun mistiedna biex iddoqq fil-pjazez tal-lokal, fejn kull okkażjoni il-banda kienet tiġi rregalata b'diversi tazzi tal-fidda.

Il-banda daqqet f'Msida Street, Brared Street fejn hawnhekk fost il-ħafna rigali li qalgħet, ġiet irregalata statwa tal-ġebel ta' Sant' Elena (dik li għandna fit-terazzin il-ġdid) mogħtija mis-sur Paul Xuereb.

Fl-1948 meta d-Duke of Gloucester kien mistieden biex jiftaħ l-ewwel sessjoni tal-Parlament Malti wara t-Tieni Gwerra dinjija, waqt li l-Altezza tiegħu talab tagħrif kif il-banda tipposjedi l-istandard irjali, is-Sur John Micallef, Viċi president tal-każin, informaħ biċ-ċertifikat mogħti mill-altezza tiegħu Duke of Connaught.

Fis-26 ta' Settembru 1948 iżżanżan il-planċier fil-ġnien ta' l-Argotti, l-Furjana. Il-planċier kien muri fil-pjazza Sant'Elena nhar it-3 t'Ottubru u ġie mbierek mill-W.R. Dekan Dun Kostantino Muscat; fejn wara ġie esegwit programm mużikali.



***1964: Il-Banda ddoqq il-God Save the Queen għall-aħħar darba f'Malta ftit qabel bdiet iċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' l-Indipendenza - 20 ta' Settembru, 1964. Pittura ta' John Baldacchino.***

Jum memorabbli għall-Każin kien nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 1950, festa tas-Salib Imqaddes. Dakinhar saret għall-ewwel darba l-festa mill-1937 wara deċiżjoni favorevoli rigward id-drittijiet tal-Kolleġġjata mill-qorti ta' Sacra Rota. B'hekk iż-żewġ każini ħassru l-ftehim tal-5 ta' Mejju 1937 li ma jieħdux sehem fil-festi esterni b'riżultat li l-banda tagħna għamlet marċ u programm fuq il-planċier biex tallegra l-ewwel festa. Għal din il-festa l-Każin ħallas l-ispejjeż ta' l-isparar li nħaraq, dak in-nhar. Għall-festa ta' Santa Liena tal-1950 kienu qed isiru tħejjijiet kbar minn kull lat minħabba li kienet ilha ma ssir erbatax-il sena.

Għadd kbir ta' partitarji ta' l-banda kienu qegħdin jaħdmu kwantita ta' nar meta fit-28 ta' Ġunju ġratilhom disgrazzja kbira billi nqerdet il-kamra tan-nar li kienet fi Sqaq Ganu waqt li kienu qed jaħdmu. Mietu tlieta: Ġużeppi Borg, Ninu Grech u Victor Agius. Żaru Micallef u Ninu Pisani korrew gravi fl-istess diżgrazzja. Din id-diżgrazzja ħasdet lil kulħadd u Birkirkara waqgħet f'luttu. Kien sar funeral kbir filwaqt li s-Soċjeta` Sant' Elena ħassret il-programm tal-Banda li kellu jsir fil-pjazza biex tiffesteġġja x-xiri ta' l-istrumentatura.

Fil-1951 insibu lill-Banda Duke of Connaught kienet fost l-aktar banda popolari f'Malta fejn insibu li matul is-sena l-banda għamlet 40 servizz bejn il-festi u stedin ieħor.

Fil-festa ta' Sant'Elena tal-1952 is-Soċjeta` ħadet ħsieb tforni l-isparar kollu li nħaraq matul il-festa. F'Mejju tal-1994, għamlu żjara statli f'Malta il-maesta tagħha r-Reġina Eliżabetta II u d-Duka ta' Edinburgh. Il-banda tagħna kienet waħda mill-ftit baned li ġew magħżula mill-Kumitat tul festi statali billi laqgħathom fi Triq il-Wied bid-daqq tal-'God Save the Queen'.




*1953: In-nar maħdum għall-Festa ta' Santa liena mill-partitarji tal-Banda taħt id-direzzjoni ta' l-aħwa Briffa.*

F'April 1956 iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjaw lil Dun Ġwann Micallef, Dun Pawl Gauci, Dun Manwel Grech u Dun Anton Mallia fi triqthom lejn il-Bażilika fil-pussess ta' Kanonċi. F'Ġunju ta' dik is-sena rriżenja s-Surmast Maġġur Anthony Aquilina. Dak ix-xahar stess inħatar floku Carmelo Brincat li kien surġent maġġur fil-banda tal-Forzi armati tal-pulizija. Is-surmast Brincat beda t-treġija uffiċjali tal-banda f'Jannar ta' wara bi programm vokali u strumentali ġo Pjazza Sant'Elena. Is-surmast Brincat kellu x-xorti li jidderiġi l-banda fiċ-Ċentinarju tagħha.

Fis-7 t'Awissu 1960, il-banda daqqet marċ u programm fl-okkażjoni tal-festi f'għeluq il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara.

Nhar is-Sibt 21 ta' Mejju 1960, il-Banda Duke of Connaught's Own tat sehem fil-festi ċentinarji tal-Miġja' San Pawl f'Malta fejn iżżanżan Innu lil San Pawl tas-Surmast Carmelo Brincat fuq il-versi ta' Dun Frans Camilleri. F'Diċembru ta' l-istess sena l-banda ġiet mistiedna biex takkompanja bil-marci funebri ta' Chev. Joseph Busuttil, surmast tal-banda Sant' Elena. Fil-25 ta' Jannar ta' l-1962, il-banda akkumpanjat liż-żewġ statwi tal-bronz ta' San Ġwann Evanġelista u San Pawl mill-funderija f'Mannarino Road għall-bażilika fejn tpoġġew fuq il-presbiterju.

Nhar il-Hadd 5 t'Awissu l-banda tagħna akkumpanjat lil Mons. Ignatius Sciberras Psaila J.U.D. mid-Domus Curialis sal-Bażilika biex jieħu l-pussess tal-Prepostu.

Fil-21 ta' Settembru 1964, Malta spiċċat minn kolonja Nġliża u ħadet l-Indipendenza. Fil-festi kbar li saru, sehem il-baned ma naqasx, il-qofol tal-festa kien fl-Arena ta' l-Indipendenza, matul il-lejl bejn l-20

u l-21, fejn il-Banda Duke of Connaught kellha sehem storiku. Il-banda daqqet ħdejn l-istatwa tal-Granmastru Vilhena, ftit il-bogħod miċ-ċerimonja tal-għoti tal-Indipendenza. Il-programm spiċċa fl-10.30 b'daqq tal-Innu Nazzjonali Ngliż kif kienet l-użanza kolonjali. Dlonk sehħet l-Indipendenza u minn hawn il-quddiem il-baned Maltin bdew idoqqu l-Innu Nazzjonali Malti. Il-British Culture Association mgħarrfa b'dan l-avveniment storiku ikkonsinjat pittura ta' John Baldacchino biex tfakkar l-aħħar li ndaqq l-innu Ngliż. Il-pittura ġiet irregalata lis-Soċjeta fid-19 t'Ottubru 1989.

F'Ottubru ta' l-1964 bdew isiru tħejjijiet għall-festi kbar taċ-ċentinarju tal-banda. Inħatret kummissjoni komposta mis-sinjur Joseph Zarb, Anthony Sultana, u Emanuel Schembri għal dan iċ-ċentinarju li ġie ċċelebrat bejn is-16 u t-22 t' Awissu. Il-qofol tal-festi kien programm vokali u strumentali li l-banda esegwiet fuq il-plančier fit-22 t' Awissu ħdejn il-Każin tal-futbol fi Triq il-Wied. F'din il-festa iżżanżan innu tal-banda ġdid b' versi tal-poeta Karkariż George Portelli u mużika ta' Mro. Carmelo Brincat.

Sar quddies b'tħejjija u b'ringrazzjament fil-Knisja ta' San Pawl u fil-kappella tal-każin, recording ta' marċi u l-innu ta' Santa Liena; Social Evening fil-Każin, party għat-tfal fit-teatru 'Prince', inkixfet lapida kommemorattiva fl-intrata tal-Każin, iżżanżnet bandalora irregalata mill-membri flimkien ma' diversi trofej, kif ukoll sar logħob tan-nar ta' l-art artistiku f'Old Church Street, maħdum mill-aħwa Briffa. Għal dawn il-festi wkoll sar tiżjin ġdid tal-faċċata tal-każin u għall-wied, xogħol immexxi mill-ħabrieki Alfred Muscat, bandist u membru tal-Kumitat.

Nhar l-Erbgħa 2 ta' Jannar 1968, miet is-Surmast Carmelo Brincat wara ħdax-il sena bħala surmast direttur. Il-funeral sar l-għada, fejn ħadu sehem iż-żewġ baned, Sant'Elena quddiem u tagħna wara. Wara, is-surmast Emanuel Brincat A. (Mus.) LCM wiret il-bakketta ta' missieru fejn fi żmienu kien għalliem ta' l-allievi fil-Każin.

Il-banda ko-ċittadina Sant'Elena ċċelebrat il-50 sena mit-twaqqif tagħha fit-3 u 4 ta' Mejju 1969. Il-



*1873: Il-Banda taħt is-Surmast Tommaso Galea.*

banda tagħna giet mistiedna tieħu sehem fil-festa tas-Salib. Għalkemm dan is-servizz kien imiss lill-banda Sant'Elena, minħabba l-festi anniversarji ġiet mistiedna l-banda tagħna.

F'Mejju 1977 is-Surmast Brincat irreżenja mill-kariga tiegħu. Ftit żmien wara, il-kumitat appuntaw lil Andrew Coleiro, għalliem tal-allievi bħala surmast ġdid tal-banda, kariga li għadu jokkupa sal-lum. Is-Surmast Andrew Coleiro ħadem ħafna għall-avvanz tal-banda. Marċi li jibqgħu jissemmew għall-ħlewwa u l-melodija li tpaxxi l-widna fosthom Karmar, El Sombrero, Magnus, Nikita eċċ li ndaqqu u għadhom jindaqqu mhux biss fil-festa tagħna iżda f'Malta u f'Għawdex kollhu.

Fl-1978 ġie ċċelebrat il-1650 sena mill-mewt ta' Sant'Elena fejn saru festi kbar, ġimgħa baned bla waqfien, tiżjin speċjali, pageant mill-aqwa fil-bażilika, funzjonijiet reliġjużi bil-purċissjoni ta' Sant'Elena toħroġ filgħaxija u tgħaddi minn Triq il-Wied u minn quddiem il-każin bħalma sar fl-1950 u fl-1953.

Inżammet ukoll Akkademja mużiko-letterarja fil-bażilika fejn indaqq l-innu orkestrali di Gloria lil Sant'Elena tas-surmast Tumas Galea wara nuqqas ta' snin ma jindaqq. Xogħol esegwit minn Alfred Muscat f'konkors bejn il-Każin tal-baned għall-isbaħ faċċata fil-festi ta' Jum il-Ħelsien, il-każin rebaħ it-tielet premju.

Fl-istess sena 1979, iżżanżnu sett ta' tnax-il pavaljun fi Triq l-Wied. Fl-1981, is-sett ta' marci ġodda ġie rrekordjat għall-ewwel darba, kif ukoll sar tiżjin ġdid għall-faċċata tal-każin.

Fl-1982 ġiet regalata il-bandiera l-kbira ta' l-arblu bl-arma tal-banda fuq sfond aħmar mill-familja Ingliża Myles. F'Diċembru 1983 il-banda ipparteċipat f'Konkors tal-baned biex jitfakkar Jum ir-Repubblika. F'dan il-konkors, il-banda ġiet it-tielet.

Fl-1984 saru festi kbar mal-wasla ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Elena li ntramat quddiem il-Każin maħduma mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi t'Għawdex. L-istatwa iżżanżnet fil-marċ ta' l-aħħar tridu ta' dik is-sena.

Fit-23 ta' Settembru 1985 miet il-Maġġur Anthony Aquilina, Surmast tal-banda ko-cittadina Sant'Antnin u ex-surmast tal-Banda tagħna. Mal-ħajt tal-każin tpoġġa kwadru tiegħu waqt li l-funeral kien għaddej mill-Wied fejn intefgħu fjuri b'tislima. Daqqet il-banda Sant' Antnin filwaqt li d-delegati tal-banda tagħna u tal-King's Own ingħataw prominenza billi kienu ż-żewġ baned l-oħra li dderieġa l-Maġġur f'ħajtu.

Fl-1987, ġie ċċelebrat il-150 anniversarju ta' l-istatwa artistika ta' Sant' Elena, saru festi speċjali u sehem il-banda tagħna ma naqasx. Il-ħidma għal din il-festa speċjali ġagħlet lid-diriġenti taż-żewġ każini jirriflettu s-sabiħ tal-paċi u l-kruha tal-firda, u qablu biex jitjiebu r-relazzjonijiet ta' bejniethom u ma jibqgħux miksurin. Kienu festi speċjali li fihom il-baned daħlu għand xulxin u ferħu flimkien. Il-qofol tal-festa kien il-purcissjoni li reġgħet għaddiet mill-Wied filgħaxija.

Fl-istess sena fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ħatra tal-prepostu Mons. Ign. Sciberras Psaila, saret akkademja ad unur tiegħu fil-Bażilika. Il-banda kienet komposta minn bandisti tal-Banda Duke of Connaught u l-banda Sant'Elena li akkumpanjatu b'daqq ta' marċi sal-Bażilika mir-ripertorju taż-żewġ baned.

L-opra artistika ta' Sant' Elena li saret fl-1984 intgħoġbot ħafna mill-partitarji, tant li fuq inizzjativa tas-sur Michael Dingli, membru tal-Kumitat ġiet ikkummissjonata statwa oħra xbieha tal-imperatur Kostantino Magnus riekeb fuq żiemel abjad, xogħol ta' l-istess statwarju li ħadem f'Sant'Elena. il-pedistall sar minn John Sammut.
Għall-festi tal-Milied is-soċjeta organizzat Kampanja ta' pubbliċita u ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund fejn inġabret is-somma ta' Lm 2,379, li ġiet ippreżentata lill-aġent-president is-Sur Pawlu

Xuereb.

Għall-festa ta' l-1989, is-soċjeta ikkombinat il-briju tal-marċ tat-Te Deum ma' opra filantropika "Ir-Razzett tal-Ħbiberija", kumpless rikreattiv għad-divertiment tal-ħandikappati. Saret pubbliċita` permezz ta' slogans stampati fuq T-shirts, brieret eċċ. Matul is-sena is-soċjeta` nidiet diversi ħarġiet soċjo-kulturali lill-allievi u l-membri kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

F'din il-festa ġie nnutat li l-element żagħżugħ kien qed jispikka fix-xogħol tal-festa u l-każin. Għaldaqstant wara l-festa bil-permess tal-kumitat twaqqaf sotto-kumitat li ssemma KUMITAT ŻGĦAŻAGĦ fejn dan beda jiffunzjona fil-festa ta' Santa Liena 1990. Din il-festa kienet speċjali fl-okkażjoni tal-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-banda fejn il-qofol kienet l-akkademja mużikali letterarja fid-29 t'April u li saret fil-Bażilika Kolleġjata Sant'Elena. Il-festi ġew iċċelebrati fil-festa ta' Santu Kruċ fejn inżamm programm mill-allievi kif ukoll sar għoti tad-demm minn diversi membri. Ix-xogħol għall-festa mill-membri taż-żgħażagħ mill-ewwel beda jispikka.

Fl-1991 saru umbrelel kbar għall-banda. Filwaqt li fl-1992 inħadem armar artistiku fuq disinn ta' Michael Camilleri Cauchi għall-faċċata tal-Każin. Fl-istess sena beda jsir programm speċjali tal-festa imħejji minn Bord Editorjali taż-żgħażagħ u dan ix-xogħol mill-istess Bord baqa' jikber u jitjieb ma' kull sena u għadu jsir sal-lum. Fl-1993 saret il-Kannizzata meraviljuża li hija l-akbar waħda f'Malta u fost l-isba[illegible] ukoll. Fix-xogħol strutturali li beda jieħu spinta fil-Każin sa mill-1991, inbidel b'mod drastiku s-sul[illegible]



*1975: Is-Surmast tal-Banda Emmanuel Brincat, A. (Mus), L.C.M., u l-Asst. Surmast Charles Monreal fuq il-lemin tiegħu, flimkien ma; bandisti ġodda.*

terran, il-bar u ġie attrezzat u modernizzat. Wara l-festa tal-1993 twaqqa` l-palk u l-maħżen l-antik sabiex nbniet sala kbira ta' snooker flok il-bitħa, terrazzin arjuż, bitħa u maħżen kbir għall-armar. Din is-sala ġiet inawgurata l-Hadd filgħodu 15 t'Awissu wara l-ħruġ tal-vara Sant'Elena min-niċċa fejn il-Banda daqqet fl-okkażjoni.

L-irħama nkixfet mill-president tas-soċjeta Dr. Jos. M. Fenech u tbierket mid-direttur spiritwali tal-każin Kan Ġużeppi Micallef, wara sar riċeviment kbir.

Wara l-festa tal-1994, li fiha żżanżan pavaljun ġdid fuq disinn ta' Michael Camilleri Cauchi, kien imiss festa kbira oħra li l-banda tat sehem sħiħ, it-tifkira tal-pellegrinaġġ storiku tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla ħamsin sena anniversarju. Il-vara tal-Immakulata waslet għall-ġimgħa festi f'Birkirkara s-Sibt 11 ta' Novembru fejn kienet esposta ġol-Bażilika Elenjana. Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru saret purċissjoni mat-toroq ewlenin. Is-Sibt 19 ta' Novembru, jum it-tifkira li fih daqqu ż-żewġ baned ewlenin Duke of Connaught u Sant'Elena, bil-banda tagħna iddoqq fuq quddiem. Minn Triq in-Naxxar l-istatwa devota tpoġġiet fuq trailer fejn għaddiet minn quddiem il-Każin. Fost ħruq ta' salut, musketterija, tfiegħ ta' karti u d-daqq ta' l-Ave Maria mill-Banda tagħna li laħqet ħadet postha ħdejn il-każin, iċ-Chairman tal-Kumitat Żgħażagħ is-Sur Pawl Muscat tela' ħdejn l-istatwa u poġġa bukkett fjuri b'tifkira.

Fl-1 ta' Jannar 1995 il-Banda Duke of Connaught flimkien maż-żewġ Baned l-oħra Karkariżi għamlet marċ mid-Domus Curialis sal-Bażilika fl-okkażjoni tal-pussess ta' Prepostu Arċipriet ġdid, il-Kanonku Anton Vella.

Is-sena 1995 kienet is-sena 130 mit-twaqqif tal-Banda kif ukoll 5 Snin tal-Kumitat Żgħażagħ. Biex jitfakkar



*1978: Il-Bidu tal-marċ speċjali li sar f'Jum il-festa filgħodu fl-okkażjoni tal-festi ċinkwantinarji ta' santa Liena.*

dan kollu saru żewġ programmi kbar mill-banda bid-direzzjoni dejjem tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast Andew Coleiro. L-ewwel programm sar fi Frar ġewwa San Alwiġi bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali kif ukoll Akkademja fit-30 t'April ġewwa l-Bażilika fejn il-banda qalgħet ħafna regali fosthom mill-Kumitat Żgħażagħ, Kunsill Lokali u Dun Filippo Borgia. Fil-festa ta' l-istess sena żżanżnu l-pavaljuni kollha tal-Wied. Twaqqfet Kummissjoni nhar it-18 t'Awissu fi ħdan is-soċjeta` fejn fost ħafna xogħol għall-ewwel darba organizzat wirja artistika tan-nar ta' l-art lejliet il-festa. Il-cassette tal-marċi ġie rrekordjat fil-Każin stess fis-sala l-Ġdida. Il-Ħadd 13 t'Awissu ġiet inawgurata s-sala tal-arkivju wara xogħol strutturali fejn fl-istess lejla kommemorattiva ġew mikxufa lapidi ta' tifkira tal-Presidenti kollha tas-soċjeta`, Surmastrijiet kollha u rħama tal-5 snin mit-twaqqif tal-Kumitat Żgħażagħ. Wara l-festa tal-1995, eżattament bejn it-28 t'Ottubru u l-5 ta' Novembru il-Banda mmexxija mill-uffiċjali tal-Kumitat u s-Sindku ta' Birkirkara s-Sur George Debattista għamlet żjara soċjo-Kulturali ġewwa Sorrento fl-Italja fejn kienet mistiedna l-Associazzione Culturale Turistica Dell' Artigianato del Comune di Sorrento. Il-Banda taħt is-Surmast Andrew Coleiro esegwiet programmi fil-'Chiostro di San Francesco' u fis-sala Ambra tal-lukanda 'Oriente' fejn il-banda daqqet fl-okkażjoni tal-'Ottavo Concerto d'Autunno' fejn il-programm ixxandar fuq it-televiżjoni tal-lokal. Il-Banda għamlet kunċert fil-Muniċipju tal-Komun ta' META DI SORRENTO taħt il-patronċinju tas-Sindku t'hemm Dott. Carlo Sassi. L-akbar unur li kellha l-banda kienet li daqqet fuq quddiem fi sfilata ta' Jum ir-rebħa -festa nazzjonali fl-Italja, fejn ħadu sehem il-forzi armati Taljani, il-Korpi Kostitwiti tul Corso Italia sal-Katidral fejn sar pontifikat ta' ringrazzjament. Tul iż-żjara fl-Italja u l-Banda ġiet irregalata b-bosta rigali ta' tifkira. Is-sena 1996 kienet waħda speċjali għall-Banda fejn għall-Festa ħarġu ħdax-il bandist ġdid sabiex in-numru ta' bandisti tal-post tela' għal 48. Il-Banda kellha 22 servizz u għall-ewwel darba rrekordjat Compact Disc bl-aqwa marċi popolari mill-arkivju. Il-bejgħ ta' din ic-CD kien record. Fil-15 ta' Marzu il-banda Duke of Connaught flimkien ma' dik ta' Sant'Antnin daqqet marċ brijuż fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali ta' Birkirkara Football Club il-ġdid flok is-suq l-antik. Fil-31 ta' Marzu il-banda daqqet marċi funebri fil-funeral tal-ex-kaxxier tas-soċjeta` u president onorarju Rafael Zammit. Għall-festa kien hemm tħejjijiet kbar fejn il-Kumitat Żgħażagħ ħadem fjura mekkanizzata tiftaħ pittura ta' Sant'Elena kif ukoll wirja kbira tan-nar ta' l-art ġewwa l-wied fl-okkażjoni tal-marċ ta' l-aħħar Tridu. Għall-ewwel darba il-Banda bdiet tagħmel il-marċ ta' l-aħħar il-Ħadd filgħaxija jum il-festa, mill-pjazza sal-każin.

Fl-1997 il-Banda kellha 23 servizz fosthom il-Ħadd 19 ta' Jannar fil-ħatra ta' kappillan ġdid għall-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Il-każin kien wieħed mill-postijiet li organizza l-International Strachan Continental Cop. bil-Kollaborazzjoni tal-MBSA. Twaqqfet Birkirkara Festival Band fi ħdan il-Kummissjoni Banda u daqqet fxi lukandi u postijiet pubbliċi. Fil-każin inħadmu żewġ sopraporti artistiċi għall-imħatra u sett ta' l-injam għall-kunċerti. Marcel Micallef membru fil-każin rebaħ il-kategorja tat-III Division ta' Malta ta' l-isnooker f'isem is-soċjeta`. Il-membri tal-Każin bit-tmexxija tas-soċju attiv Joe Zarb ħadmu gallerija ġdida fl-injam u skolpew fi l-skultura bl-arma tal-Padruna Santa Liena. Il-lista tal-Bandisti tal-post telgħet għall-50 bandist. Fis-sena 1998 il-Banda ħarġet tlett Compact Discs. L-ewwel wieħed kien dak ta' marċi funebri ssemma 'Ecco Homo'. It-tieni C.D. li kien cover-version tal-marċi proċessjonali inkluż l'Inno di Gloria A Sant'Elena Imp. Augusta ta' Mro. Raffaele Ricci. It-tielet C.D. ġiet irrekordjata fil-Każin. Din kienet it-tieni volum ta' marċi popolari tal-banda mill-arkivji. Minn din is-sena s-sezzjoni Sport bdiet torganizza 7-a-side Football League fl-oratorju għat-Tazza President Dr. Joe Fenech. Ir-rebbieħ ta' dan l-ewwel edizzjoni kienu St.Pauls ta' l-Oratorju. Matul is-sena wkoll saret attivita` filantropika permezz ta' 50 siegħa maratona ta' Snooker li fiha ħa sehem il-player professjonali Malti Alex Borg. Fil-festa ġiet posposta l-Lelja Maltija li ssir kull sena minħabba attivitajiet politiċi li saru fl-istess ġurnata.

Fl-1999 il-banda għamlet marċ fil-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika fit-12 ta' Diċembru. Għall-ewwel darba f'Birkirkara, is-sett marċi ġodda li joħorġu mill-banda kull sentejn ġew irrekordjati fuq Compact Disc, li kienet il-ħames waħda maħruġa mis-soċjeta`. Fi Frar il-Banda ngħaqdet maż-żewġ Baned Karkariżi u għamlet marċ fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Ċiviku ta' Birkirkara. Għall-ewwel darba fil-Każin ittellgħet wirja sagra fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn għal din il-wirja attendew

800 ruħ. Il-wirja nfetħet il-Ħamis qabel Jum id-Duluri mill-Prepostu Kan. Anton Vella. Fit-13 ta' Lulju 1999, il-banda daqqet marċi funebri fil-funeral ta' l-ex bandista tas-Soċjeta` Michelle Bezzina li mietet fl-eta żagħżugħa ta' 23 sena. Għall-okkażjoni tal-festa din is-sena is-surmast direttur ikkompona innu-marċ ġdid lil Santa Liena imsemmi 50 sena Bażilika. It-Tieni edizzjoni tat-Tazza tal-president intrebħet minn Ta' Xbiex.

Fis-sena 2000, il-Kumitat Żgħażagħ Santa Liena għalaq 10 snin mit-twaqqif tiegħu. Għall-ewwel darba f'Malta it-tliet Baned tal-Lokal daqqew taħt l-istess saqaf fl-istess ġurnata fis-sala Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fejn il-Banda Duke of Connaught daqqet l-ewwel waħda. Fost il-mużika magħżula, il-banda kienet l-ewwel waħda f'Malta li daqqet siltiet mid-diski Maltin li rrappreżentaw lil pajjiżna fil-Eurovision Song Contest matul is-snin u li tkantaw mill-Kantanti stess flimkien mal-Banda fost dawn insibu lil Helen Micallef, Joe Cutajar, Renato, Joe Grech, Debbie Scerri, Paul Giordemaina u Georgina u Chiara. Għat-tielet sena sar it-tournament tal-football mirbuħ mit-tim tal-Westin Dragonara filwaqt li sar snooker K.O. għall-Każini tal-baned mirbuħ minn Richard Lewis ta' Mount Carmel Band tal-Balluta. Dan sar fl-okkażjoni ta' l-10 Snin mit-twaqqif tal-Kumitat Żgħażagħ. F'April saret il-wirja sagra fil-Każin fejn għall-ewwel darba f'Birkirkara rajna ċ-ċenaklu komplut b'xbiehat life size ta' l-appostli. F'Marzu 1924 il-banda siefret it-Tuneżija fejn flimkien mal-Banda Għawdxija 'Mnarja' daqqet fil-Karnival ta' Malta ġo Hamamet.



*1983: Il-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Andrew Coleiro fil-konkors għall-Baned li sar fit-Tijatru għall-Festi ta' Jum ir-Repubblika.*